**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Rosanne Debattista]**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Omar Abela**

**Kumpilazzjoni Numru: 406/13**

**Illum, 12 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Omar Abela detentur tal-karta tal-identita` numru 245868M akkuzat talli nhar is-27 ta' April 2013 bejn is-1:00hrs u t-3:00hrs gewwa Paceville, San Giljan u fi nhawi ohra f'dawn il-gzejjer:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Valerie Bonsfield minn Birkirkara;

2. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBV048 u l-mobajl ta' Valerie Bonsfield, liema hsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

3. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Valerie Bonsfield biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta taghha;

4. Ta fastidju lil Valerie Bonsfield b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna;

5. Saq vettura bin-numru ta' registrazjoni HAN619 tal-ghamla Seat Ibiza b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

6. Talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

7. Talli huwa recidiv skond artikoli 49, 50 tal-Kap. 9

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti biex tipprovdi sigurta ghal skop ta' protezzjoni ta' Valerie Bonsfield u tal-familja taghha taht l-Artikolu 412C.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat aggressjoni mill-imputat lejn l-ex tfajla tieghu li wara li ltaqghu Paceville dakinhar tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tlettax huma ggieldu bil-konsewenza li l-vittma garrbet griehi gravi f'wiccha;

Illi huwa ben risaput oramaj illi biex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara.

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **<u>Il-Pulizija vs Jonathan Gatt</u>** (Qorti tal-Magistrati (Malta) 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

> *"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta' l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Illi f'dawn il-proceduri nstemghu xhieda tal-persuni nvoluti fil-kaz u cioe' tal-vittma Valerie Bonsfield u tal-imputat. Il-vittma kienet pjuttost cara fix-xhieda taghha illi l-imputat aggrediha wara li hi rceviet messagg fuq it-telefon cellulari taghha minghand habib taghha u hu rrabja u beda jtiha fuq wiccha. Hija tixhed ukoll illi l-imputat beda jsabbat fuq il-karrozza taghha imma ma teskludix illi meta harget mill-karrozza setghet taghtu daqqa bil-bieba. Illi tant kemm kienet kostanti fix-xhieda taghha illi inkontroezami l-avukat difensur ipprova jissollecitha sabiex tahfer lill-imputat izda hija kienet ghadha wisq imwegga' u ghalhekk irrifjutat li taghmel hekk.

Illi l-imputat, fix-xhieda tieghu ta verzjoni kemmxejn differenti tant illi jghid illi kienet l-istess Bonsfield li aggredietu l-ewwel u mhux hu u dak li ghamel kien biss sabiex jiddefendi lilu nnifsu.

Illi pero' mix-xhieda prodotti mill-vittma u cioe' c-certifikat tat-tabib li nvistaha u cioe' Dr. David Sciberras (Dok. RO6 a fol. 11) kif sussegwentement ikkonfermat minnu bil-gurament fil-Qorti fuq il-griehi gravi subiti u r-ritratti ipprezentati mill-vittma (Dok. VB1 a fol. 44) ma humiex kompatibbli ghall-azzjoni ta' legittima difeza u dan ghaliex il-griehi kienu pjuttost estensivi mar-ras kollha.

Illi l-fatt illi ma ntalabx espert mediku sabiex jistabbilixxi l-permanenza tal-griehi huwa certament fattur a beneficcju tal-imputat imma dan ma jfissirx allura li n-natura tal-griehi subiti ma gewx ippruvati. It-tabib li ezamina lill-vittma xehed bil-gurament illi l-griehi subiti kienu gravi ghaliex kienu fuq il-wicc u ghaliex japplika d-dispozizzjoni tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9.

Illi a rigward tal-akkuzi l-ohra u cioe' l-akkuzi tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) dawn gew sussegwentement rinunzjati mill-vittma ghaliex kienet qed tahfer lill-imputat u tirrinunzja ghal dak li kien rinunzjabbli in vista tal-fatt illi huwa kien ghamel zmien twil ma jdejjaqhiex.

Illi a rigward tal-hames (5) akkuza u cioe' dik tas-sewqan perikoluz il-Qorti thoss li din ma gietx ippruvata u dan ghaliex ix-xhieda tal-vittma kienet l-aktar iffukata fuq il-griehi li garrbet u ma tantx fuq dak x'gara wara.

L-istess ragunament japplika fuq is-sitt (6) akkuza.

A rigward l-addebitu tar-recidiva l-prosekuzzjoni ma ppruvatx din l-akkuza fil-grad li trid il-ligi ghaliex ma gietx ipprezentata is-sentenza li biha qed tigi bbazata din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Omar Abela hati biss tal-ewwel (1) akkuza u stante rinunzja tal-vittma bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitoli 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum filwaqt li tilliberah mill-akkuzi hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) stante li ma gewx ippruvati u tiddikjara Procediment Ezawrit fit-tieni (2), t-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi stante rinunzja.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**